LitusGo

www.litusgo.eu

LitusGo Manwal

Modjul 15

# Siti arkejoloġiċi / Wirt kulturali

Education, Audiovisual & Culture Executive Agency
Education and Culture DG
Lifelong Learning Programme

**Editur: Isotech Ltd, Environmental Research and Consultancy**
www.isotech.com.cy

LitusGo hu mħallas bis-sapport tal-Kummisjoni Ewropeja taħt Leonardo da Vinci Programme - *Multilateral Project for the Development of Innovation, 2009.*

*Dan il-fuljett edukattiv jirrefletti biss l-opinjoni tal- awtur, u l-Kummisjoni ma tistax tinzamm responsabli ghal kull użu ta' informazzjoni mehmuża hawnhekk*.

ISBN set 978-9963-720-43-9
ISBN 978-9963-720-59-0

## Harsa lejn il-manwal tal-LitusGo

Il-Manwal LitusGo hu parti minn pakket edukattiv tal- LitusGo , li hu inkluż fil-portal LitusGo: www.litusgo.eu. LitusGo jimmira lejn taħriġ u tkebbis ta' ħiliet tal-Awtoritajiet Lokali u l-imsieħba lokali f' temi ta' Maniġġ Integrali taż-Żona Kostali u r-rejazzjoni lejn l-impatti tal- bidliet tal-klima .Dan il-Manwal għandu 20 il-modjul awtonomini li għalkemm indipendenti huma relatati ma xulxin. Il-modjuls jinstabu f' erba' ilsna , il-Krieg , l-Ingliz , il-Malti u t-Tork u li huma maqsuma fi tlett forom: l-applikazzjoni ta' wiki dedikat fil-portal tal- LitusGo, id-dvd u kopja b'versjoni iebsa. Din il-kopja b' versjoni iebsa tal- Manwal LitusGo jikkonsisti minn 20 ktejjeb indipendenti ,wieħed ghal kull modjul li jinżamm f'għafas iebes kollettiv.

## Lista ta' moduli tal-Manwal Edukattiv ta' LitusGo

| | |
|---|---|
| Modjul 1: | Għafas legali ewropew |
| Modjul 2: | Involviment tal-imsieħba / Parteċipazzjoni pubblika |
| Modjul 3: | Turiżmu sostenibli – li jġorr il-kapaċita |
| Modjul 4: | Maniġġ tar-risorzi tal-ilma |
| Modjul 5: | Is-sajd u t-trobbija tal-ħut |
| Modjul 6: | Kwalita tal-ilma fil-kosta |
| Modjul 7: | Maniġġ tal- Ekosistemi (l-ekosistemi tal-art u tal-kosta) |
| Modjul 8: | Maniġġ tal-iskart / reċiklat / compost |
| Modjul 9: | Tniġġiz tal- arja |
| Modjul 10: | Użu tal-art / ippjannar urban / żvillupp ekstrem tal-kosta |
| Modjul 11: | Maniġġ tal- landscape u tal- marine-scape |
| Modjul 12: | Kontroll tal-erosjoni kostali |
| Modjul 13: | Issues li jdejjqu fil-kommunita 1:Tniġġiż tal-ħsejjes |
| Modjul 14: | Issues li jdejjqu fil-kommunita 2:Tniġġiż ta' dawl u thermal, Tniġġiż, irwejjaħ |
| Modjul 15: | Medded arkejoloġiċi / siti storiċi / wirt kulturali |
| Modjul 16: | Maniġġ ta' kundizzjonijiet ekstrem: riskji tal-għargħar Ghargħar kostali u l-qawmien tal-maltemp |
| Modjul 17: | In-nixfiet |
| Modjul 18: | Desertifikazzjoni |
| Modjul 19: | Użu tal-enerġija, konsum u maniġġ tal-binjiet ħodor |
| Modjul 20: | Binjiet Ħodor |

# Krediti

il-Manwal Edukattiv tal-LitusGo żvilluppa minn grupp edukattiv :

Modjuls 1, 2, 6, 7, 8, 9, 12, 13, 14, 16, 17, 18, 19 kienu preparati minn team xjentifiku ta' kordinaturi / benefiċjari ta' ISOTECH Ltd. Awturi maġġuri: Michael I. Loizides, Chemical / Environmental Engineer u Xenia I. Loizidou, Civil / Coastal Engineer. Constantinos Georgiades (MSc in ICZM) hu responsabli mill-editing. Il-qoxra iebsa tal-Manwal edukattiv hu desinjat minn Anastasia Georgiou.

Modules 3, 4, 5, 10, 11, 15, 20 huma preparati minn team xjentifiku ta' ELLINIKI ETAIRIA - Society for the Environment and Cultural Heritage / Sustainable Aegean Programme. Awturi maġġuri : Georgia Kikou, Geographer, Msc Environment, Coordinators of AEGEAN Project, Alexandros Moutaftsis, Economist, Msc Environment, Leonidas Economakis, Political Sciences - MA International Development.

Dr Alan Pickaver f' isem il-partner EUCC kien responsibli mill-kontroll ta' kwalita tal-materjal edukattiv.

Beneficjarju / Kordinatur:

**ISOTECH Ltd Konsulenza u Ricerka fuq l-Ambjent** www.isotech.com.cy

Cipru:

**Kunsill ta' Pafos** www.pafos.org.cy

**AKTI Centru tal-Progetti u Ricerka,** www.akti.org.cy

Grecja:

**ELLINIKI ETAIRIA – Socjetaċ ghall-ambjent u wirt kulturali** www.ellet.gr **/ Programm Sostenibbli Aegean,** www.egaio.gr

**Kreatur tas-Siti elettronici** www.onisis.gr

Malta:

**Kunsill Lokali Hal Kirkop** www.kirkop.gov.mt

Olanda:

**EUCC – Union tal-Marina u l-Kosta** www.eucc.net

## -1- Sfond tejoretiku

L-istorja ilha ħafna ġeneruża mal-pajjiżi li jdawru l-Baħar Mediterran. Ħafna ċivilitajiet importanti, li kienu numerużi u differenti żviluppaw madwar il-baċin li hu nofsu magħluq, reliġjonijiet li twieldu u li mietu, xjenzi li evolvew, kummerċ u gwerer li ġabu bidliet kulturali u lingwistici u li transformaw il-Bahar Mediterran f' recipjent imdewweb ta' kultura "*a cultural melting-pot*" (Dabdoub Nasser, 2008:65). " Minoans, Phoenicians, Egyptians, Israelis, Greeks, Romans, Byzantines, Ottomans, Arabs, Genoese, Venetians", kollha ħallew it-traċċi tagħhom mal-Mediterran, fil-forma ta' tempji antiki, moskeji, kastelli, knejjes u l-binjiet fil-ħajja ta' kuljum li għadhom jidhru sal-lum f'kundizzjoni għat-tajjeb jew għal ħażin.



**Ritratt 1.** Medarchnet, Mediterranean Heritage Sites (8).

Minbarra l-fatt li l-Mediterran hu maħnuq b'siti ta' wirt patrimonjali, li huma uniċi u ma jistgħux jinbidlu jekk jitkissru. Għall-sekli sħaħ il-popolazzjonijiet lokali li kienu jgħixu madwarhom, injorawhom jew anke kienu jużawhom bħala materjal għall-bini jew anke bħala korrali. (De la Torre and Mac Lean, 1997).



**Ritratt 2.** Ancient Carthage, Mare Nostrum Project (9).

Sa mill-bidu tas-seklu 19th, is-sitwazzjoni bdiet titbiddel: siti ta' wirt patrimonjali ġibdu l-ewwel l-attenzjoni tal-arkejoloġisti u ta' viżitaturi romantiċi u ta' persuni avventurużi; u wara lit-turisti. Illum, is-siti ta' l-wirt patrimonjali meditteran iżuruhom miljuni kull sena. Maż-żjieda fl-interess tal-viżitaturi, hekk ukoll qed tiżdied b' mod ekwu r-rata tal-qerda tas-siti, kawża ta' diversi raġunijiet li se jkunu aktar analizzati fil-kapitli li ġejjien.

## -2- Objectivel - Ghan

Minkejja l-fatt li fil-preżent l-importanza tas-siti b'wirt patrimonjali mediterran hu rikonnoxut bil-wiesa' u ma għadhomx jispiċċaw bħala materjal għall-kostruzzjoni jew korrali għall-annimali, xorta d-distruzzjoni tagħhom tkompli taħt forom differenti. Il-konservazzjoni tas-siti ta' wirt patrimonjali mediterran huma għalhekk ta' importanza kruċjali. Il-proġett LitusGo qed jagħmel sforz biex jimla' l-vojt tal- informazzjoni u tat-taħriġ li jirrigwardja l-maniġġ tas-siti patrimonjali, jipprovdi lil min jieħu deċiżjonijiet lokali u lil imsieħba b'soluzzjonijiet prattiċi u li jistgħu ikunu implimentati b'mod ta' kif ikunu immaniġjati t-teżori tagħhom.

## -3- Il - Problema

Is-siti patrimonjali mediterranji jirrapreżentaw valuri ta' gruppi ta' popli. Għall-iskolari, huma jirrapreżentaw suġġett għal istudju tagħhom, għal nazzjonijiet u għal reġjuni, għal etnika tagħhom jew identita' lokali, għal xi talin għandhom valur reliġjuż, għal artisti estetika, għal poplu li jiddependi l-għixien tagħhom fuq is-siti għandhom ukoll valur ekonomiku. (De la Torre, 1997). Minbarra ta' hawn fuq – u madanakollu minħabba fihom – is-siti ta' wirt patrimonjali mediterran qegħdin jikkonfrontaw problemi serji li tikkontribwixxi lejn qerda gradwali. Dawn il-problemi jinkludu:

a) Żvilupp mhux ippjannat u mhux iċċekjat.
b) Bidliet ambjentali.
c) Viżti eċċessivi u mhux immaniġjati.
d) Interventi mhux propji ta' preservazzjoni.

**Żvilupp mhux ippjannat u mhux iċċekjat:** Il-postijiet li kienu jużaw il-popolazzjonijiet antiki biex jgħixu fihom, insibu illum is-siti patrimonjali li kienu b'reqqa magħżula minħabba li kienu msaħħra bin-natura jew bil-ġejografija. Jekk tqis l-importanza miżjuda tas-siti patrimonjali eżistenti fiż-żoni li għandhom domanda għalihom fejn in-negozju jew l-infrastrutturi tas-servizzi jilħqu l-intensita li kultant ikeċċu minn hemm lil popolazzjoni lokali. Ta' sikwit, dawk l-infrastrutturi l-ġodda ibidlu b'mod massiċ l-ambjent tal-madwar u l-effetti ta' dawk il-bidliet jidhru eventwalment u li jistgħu jkunu l-qerda għas-sit.

**Bidliet ambjentali:** Bidliet ambjentali u żjieda fit-temperatura jista' jikkawża problemi addizjonali lis-siti patrimonjali. Dawn is-siti irnexxew għal sekli fl-ambjent tagħhom u kull bidla fil-kundizzjonijiet ambjentali madwarhom se taffetwahom direttament ħażin. Diżastri naturali (kemm minn dak li joħloq il-bniedem) jhedded ukoll is-siti.

**Viżti eċċessivi u mhux immaniġġjati:** Kull sena ħafna aktar nies qegħdin iżuru is-siti Mediterran u d-dħul tal-flus ġenerat mit-turiżmu kulturali qed jiżdied. Madanakollu fl-istess ħin ir-riżorsi finanzjarji li huma allokati għal konservazzjoni u l-maniġġ tas-siti mhux qed ikunu isegwu l-istess trend għaliex ta' sikwit jiġri li d-dħul mill-irċevuti jispiċċa fil-kontijiet ġenerali tal-aġenziji tas-siti jew ta' t-teżori nazzjonali. Ma dan, it-traffiku tal-viżitaturi eċċessiv kif ukoll l-avvenimenti soċjali li jinjoraw il-kapaċitajiet li jġorru is-siti "*have a great impact on the site and are a source of management concern*" (Doumas 1997, in De La Torre,1997). Sadanitant, in-numru baxx ta' viżitaturi hu wkoll problema sakemm "*low or no visitor numbers usually degrade the sites into the state of "invisible sites*" (Doumas, 1997; Orbaşlı 2002; cited in Lekakis, 2005), li ma jħallihomx jiġbru l-fondi li l-aktar siti popolari ikollhom aċċess li jikkomprometti l-konservazzjoni tagħhom.




**Ritratt 3.** The Conservation of Archaeological Sites in the Mediterranean Region (Doumas, 1997; in De la Torre, 1997).

**Interventi mhux propji ta' preservazzjoni:** Sakemm il-ħlas għall-konservazzjoni tas-siti patrimonjali jibqa' jiddependi fuq in-numru tat-turisti ta' kull sena, ma tantx ma jkunx komuni għal arkejoloġisti u l-awtoritajiet kulturali li jippruvaw u jibnu elementi arkitettoniċi tas-sit biex jagħmlu s-sit aktar attrajenti. Interventi bħal dawn jistgħu jispiċċaw iservu l-bżonnijiet tat-turisti, jew tal-arkejoloġisti, aktar mill-bżonnijiet tas-siti partrimonjali nfushom u dan joħloq theddida miżjuda għal preservazzjoni tagħhom.

## -4- Kif timxi mal - problema

Skond l-Istrateġija għall-iżvilupp tal-wirt kulturali Ewro-mediterranju 2007-2013 (2007), il-wirt kulturali – hu bħal wirt ambjentali – jikkonstitwixxi "ġid pubbliku". Għalhekk il-mira primarja tal-pjan maniġerjali għandu jkun il-konservazzjoni tas-sit li għandu signifikat kulturali u mhux jindirizza l-

bżonnijiet tat-turisti, arkejoloġisti jew l-iżviluppaturi (Sullivan, 1997; in De la Torre, 1997). Sabiex dan jiġri, ċertu aspetti iridu jittieħdu f'kull pjan maniġerjali tas-sit, u l-Awtoritajiet Lokali jridu jilagħbu rwol importanti f'dan l-impenn:

a) kollaborazzjoni aħjar u kommunikazzjoni fost diversi gruppi interessati,
b) l-aħħar taħriġ speċjalizzat għal "managers" tas-sit, gwidi, konservazzjonisti, u
c) tqajjem għarfien fost il-lokali.

a) Kollaborazzjoni u kommunikzzjoni fost diversi gruppi interessati :

L-awtoritajiet Lokali għandhom jippromwovu parteċipazzjoni tal-imsieħba u ż-żjieda tal-imsieħba. Kull pjan li jirrigwardja l-konservazzjoni ta' kull sit patrimonjali hu destinat li jfalli jekk mhux l-imsieħba kollha, l-atturi ewlenin kollha jkunu mistiedna fil-konsultazzjoni u fit-twettiq tal-pjan. L-atturi ewlenin skond Susan Sullivan (1997:18, in De la Torre, 1997), "*those for whom the site has value, those who have important information about it, and those who can influence its management*". Il-managers tas-sit, arkejoloġisti, periti, awtoritajiet nazzjonali u lokali, organizzaturi tat-tours u fuq kulħadd il-kommunitajiet lokali, għandhom biss irwol pożittiv u ma jistgħux ikunu qatt injorati għaliex dak jista' jkollu potenzjalment l-effetti opposti.

b) "Up-to-date" taħriġ speċjalizzat:

Hemm rikonoxximent pubbliku li qed jiżdied għal bżonn ta' preżentazzjoni u interpretazzjoni għal titjieb tas-siti patrimonjali. Sfortunatament, is-siti patrimonjali huma ħafna sottożviluppati fejn tidħol il-preżentazzjoni

tagħhom lill-pubbliku, li suppost il-mistieden għandu jara' u jaċċetta bħala obbligu (De La Torre, 1997). B'dan il-mod, il-mistiednin isiru l-advokati tar-riċerka u l-konservazzjoni tas-siti patrimonjali u mhux jibqgħu biss turisti li jistgħaġbu. Għalhekk, li hemm bżonn hu: kotba gwidi dettaljati u li huma ħfief li taqra, gwidi mgħarfa sew, bords li jfissru u li jigwidaw lil mistiednin sabiex jevitaw il-partijiet fraġli tas-siti, u l-metodi tal-viżwalizzazzjoni li jużaw b' mod eżatt it-teknoloġija moderna. Dokumentazzjoni 3-D tas-siti patrimonjali qegħdin iżidu li jkunu popolari bħalma x-xogħol ta' l-iskolari differenti jindikaw (Remondino and Rizzi, 2009; Gruen et al. 2003). L-internet hu għodda importanti, li ma tantx ikun implimentat għas-siti patrimonjali tagħna. Ideja tajba tista' tkun li l-opportunitajiet tal-lokal jkunu magħqudin b'mod parallel mal-programmi akademiċi instituzzjonali (Nardi, 2010), fejn jagħtu ċ-ċans lil poplu lokali sabiex jakwistaw taħriġ speċjalizzat relatat mar-restorazzjoni u konservazzjoni, dokumentazzjoni, ikattalgar u preżentazzjoni li huma konnessi mas-siti patrimonjali tal-preżent fiż-żoni tagħhom.



**Ritratt 4.** Heritages digitally reconstructed using image- or range-based modeling techniques for conservation, restoration, educational and visualization purposes, (Source: Remondino and Rizzi, 2009).

c) Il-kapaċita li tibni u li toħloq għarfien.

**L-Awtoritajiet Lokali jistgħu:**

- Jorganizza **l-kapaċita li tibni u programmi ta' taħriġ** biex itejjeb l-ekspertis lokali u l-ħiliet lokali sabiex dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet lokali u l-imsieħba lokali ikunu konxji mill-għodda u t-tekniċi li jeżistu biex ikun hemm titjieb fil-maniġġ tas-siti patrimonjali.
- Iqajjem għarfien fost il-kommunitajiet lokali li fejn tidħol l-importanza tas-siti li hija wkoll kruċjali, jekk aħna naspiraw li jkollna kommunitajiet lokali imseħbin fil-konservazzjoni tagħhom. B'dan il-mod, il-kommunitajiet lokali jew reġjonali jistgħu jaraw is-siti bħala "il-wirt tagħhom". Skejjel, Universitajiet, Skejjel ta' Taħriġ Vokazzjonali huma f' dan ir-rigward il-partners neċessarji.

## Referenzi/ informazzjoni valida:


1. **Dabdoub Nasser, C. (2008).** "Mediterranean Heritage, an opportunity for dialogue." Europa Nostra n° 1, 2008.
2. **European Commission (2007).** Strategy for the development of Euro-Mediterranean cultural heritage: Priorities from Mediterranean countries (2007-2013). Brussels, 2007.
3. **Gruen, A. Remondino, F. Zhang, L. (2003).** "3D modeling and visualization of large cultural heritage sites at very high resolution: The Bamiyan Valley and its standing Budhas". International Archives of Photogrammetry, Remote Sensing, and Spatial Information, Vol. XXXIV-5/W12, pp. 173-175
4. **Lekakis, S. (2005).** Managing Archaeological Sites in the Aegean Sea; the context and a critique on recent management trends in sites around the Mediterranean Sea. Master's Thesis submitted in partial fulfillment of the requirements for the degree of Ma in Managing Archaeological Sites of the University of London, Institute of Archaeology.
5. **Nardi, R. (2010).** "Conservation in Archaeology: Case Studies in the Mediterranean Region." In "Heritage, Conservation, and Archaeology", on line magazine of The Archaeological Institute of America, Boston, 2010.
6. **Remondino, F and Rizzi, A. (2009).** "Reality-based 3D documentation of World Heritage Sites: Methodologies, Problems and Examples." 22nd CIPA Symposium, October 11-15, 2009, Kyoto, Japan.
7. **De la Torre, M. ġEd.ħ (1997).** *The Conservation of Archaeological Sites in the Mediterranean Region*. An International Conference organized by the Getty Conservation Institute and the J. Paul Getty Museum, 6-12 May1995. Los Angeles

## E-sources:

8. http://medarchnet.calit2.net/index.html
9. http://www.eh4-marenostrum.net/index.php

LitusGo

www.litusgo.eu

2012

ISBN set 978-9963-720-43-9

ISBN 978-9963-720-59-0